**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Illum, 5 ta' Awwissu 2019**

**Kump. Nru: 440/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christina Delia)**

**vs**

**Clifton Attard**
**(ID 451890(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Clifton Attard**, ta' 28 sena, imwieled Żabbar nhar il-21 ta' Settembru 1990, iben Edwin u Maria Carmela nee` Scicluna u residenti Gloucester, Flat 1, Triq il-Prinċipessa Margerita, Msida, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 451890(M);

Akkużat talli nhar l-20 ta' Lulju 2019 u/jew fi ġranet u/jew xhur ta' qabel ġewwa Triq il-Prinċipessa Margerita, l-Imsida u/jew f'diversi lokalitajiet oħra f'Malta:

1. Ta fastidju lill-ġenituri tiegħu Edwin u Maria Carmel Attard b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju għal dawk il-persuni;

2. Bl-imġieba tiegħu kkaġuna lill-ġenituri tiegħu Edwin u Maria Carmel Attard li se tintuża' vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta` tagħhom;

3. Għamel lill-ġenituri tiegħu Edwin u Maria Carmel Attard inġurji jew theddid bil-mewt;

4. Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabhom, jew qabad arma kontra l-ġenituri tiegħu Edwin u Maria Carmel Attard u persuni oħra;

5. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat jew bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lill-ġenituri tiegħu Edwin u Maria Carmel Attard jagħmlu jew jonqsu milli jagħmlu xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tagħhom, jew biex jimmalafama lilhom jew xi persuni oħra jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

6. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe` ħsara fuq il-bieb tal-komun tal-blokka Gloucester, Triq il-Prinċipessa Margerita, Imsida, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-detriment ta' Edwin u Maria Carmela Attard u/jew persuni oħra.

   Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, titratta mal-akkużat bħala reċidiv, ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi ma jistgħux jinbidlu.

   Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, jiġu applikati l-provvedimenti tal-Artikolu 382A u 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

   Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` tal-ġenituri tiegħu Edwin u Maria Carmel Attard billi jiġu applikati l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb fl-ewwel lok, li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u fit-tieni lok, illi huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkunsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi għal fini ta' piena, il-Qorti qieset fl-ewwel lok, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proċeduri.

Qieset ukoll mill-banda l-oħra, il-fedina penali tal-istess imputat, liema fedina penali hija waħda refrattarja u tinkludi sejbien ta' ħtija dwar diversi reati, fosthom diversi istanzi ta' serq aggravat u tentattiv ta' serq aggravat, ħsara volontarja, falsifikazzjoni ta' dokumenti, pussess ta' droga (f'żewġ okkażżjonijiet) u reati taħt il-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dawn l-imputat ingħata liberazzjoni kundizzjonata, Ordni ta' *Probation*, pieni pekunjarji u piena ta' priġunerija effettiva tliet darbiet.

Qieset ukoll in-natura tar-reati odjerni u ċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll illi l-partijiet iddikjaraw illi l-imputat għandu l-vizzju tad-droga u li għandu bżonn l-għajnuna kontra l-istess vizzju, kif ukoll illi fiċ-ċirkostanzi ikun iżjed għaqli illi huwa jingħata piena karċerarja effettiva sabiex jibda jindirizza din il-problema. Mid-dokumenti esebiti fl-atti jidher illi l-imputat tilef il-kontroll u apparti li qed jeqred ħajtu bid-droga, qed jeqred ukoll dik tal-ġenituri tiegħu, li bl-aġir tal-imputat spiċċaw f'sitwazzjoni fejn bil-kemm jistgħu joħorġu minn darhom, fastidjati għall-aħħar u mbeżżgħin. Tqis għalhekk illi struttura stretta tista' tgħin lill-imputat sabiex jerġa' jsib il-bilanċ u fl-istess waqt jibda jirċievi l-għajnuna li jidher li tant għandu bżonn, kif suġġerit mill-partijiet.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 222(1)(a), 251A(1)(b), 251A(4), 251B, 325(1)(ċ), 339(1)(b) u (e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(a),(b) u (ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-

piena ta' **tnax-il xahar priġunerija effettiva** li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li nzamm taht arrest preventiv.

In oltre sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Edwin u Maria Carmela konjuġi Attard, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin favur l-istess Edwin u Maria Carmela konjuġi Attard (ID 795658(M) u 280762(M) rispettivament) fil-konfront tal-ħati Clifton Attard, permezz ta' liema l-ħati qed jiġi pprojbit milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-istess Edwin u Maria Carmela Attard, kif ukoll milli jikkuntatja, jivvessa jew b'xi mod jimmolesta lill-istess konjuġi u in oltre qed jiġi pprojbit milli jaċċedi fil-fond tar-residenza tagħhom jew fil-fond fejn jaħdmu, jekk dan huwa l-każ. Tali Ordni għandu jibqa' fis-seħħ għal żmien sentejn mil-lum, liema perjodu għandu jibda jiddekorri mid-data tal-iskadenza tal-piena nflitta b'din is-sentenza.

Tordna illi dan l-Ordni jiġi kkomunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikser dan l-Ordni.

Tiġbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin dwar l-importanza li l-ħati jingħata l-għajnuna kontra l-vizzju tad-droga u kemm il-darba dan ikun possibbli, anke l-opportunita` li jsegwi programm kontra l-istess vizzju. Għal dan il-għan tordna komunika ta' din is-sentenza lill-istess Direttur.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat